**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 4 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 191/02AE**

**Eurorbidge Shipping Services Ltd**

**Vs**

**Aluminium Extrusions Limited.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u sitta u disghajn lira Maltija u sebghin centezmu (Lm396.70) hlas dovut ghal *shipping services* li gie provdut lis-socjeta konvenuta.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata naqset milli tikkontesta l-kawza u milli tidher ghas-seduti li saru quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-avukat Dr. Anton Calleja in rapprezentanza tas-socjeta attrici, jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra wkoll id-dokumenti li gew ezebiti fl-atti tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u sitta u disghajn lira Maltija u sebghin centezmu (Lm396.70), bl-imghax mid-data ta' kull invoice (Dok. AC1 – AC3).

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**